MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2007

Numru. 480/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Victor Cilia ta’ 55 sena mwieled il-Marsa nhar is-6 ta’ Settembru, 1951, bin Anthony u Antonia nee Fenech residenti gewwa Nru 1 Sabrina Court, Triq Zerafa, Marsa, detentur ta’ karta ta’ l-identita` numru 655251M**

**Raymond Scicluna ta’ 49 sena mwieled il-Marsa nhar id-29 ta’ April, 1958, bin Carmelo u Caramelo nee`**

**Camilleri residenti gewwa 48, Zerafa Street, Marsa, detentur ta' karta ta' l-identita numru 331058M**

**Clint Scicluna ta' 21 sena mwieled il-Pieta nhar it-22 ta' Awissu, 1986, bin Raymond u Janette nee` Cacciattolo residenti gewwa 48, Triq Zerafa, Marsa, detentur ta' karta ta' l-identita numru 406286M**

**Joseph Zammit ta' 57 sena mwieled gewwa il-Marsa nhar l-24 ta' Dicembru, 1949, bin Anthony u Carmela nee` Greche residenti gewwa Flat 1, Bin ital-Gvern, Hamrun detentur ta' karta ta' l-identita numru 14750M**

**Alexander Debono ta' 46 sena mwielede nhar il-15 ta' Marzu, 1961, gewwa Pieta bin Emmanuel u Therese nee` Gatt u residenti gewwa 'Alande' numru 220, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa detentur ta' karta ta' l-identita numru 194461M**

**John Muscat ta' 37 sena mwieled nahr is-16 ta' Settembru 1970 gewwa Pieta bin Paul u Agnes nee` Zerafa residenti gewwa numru 80, Triq is-Sultana, Paola, detentur ta' karta ta' l-identita numru 419270M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Victor Cilia, Raymond Scicluna, Clint Scicluna, Joseph Zammit, Alexander Debono u John Muscat u cioe talli nhar it-3 ta' Gunju, 2007, gewwa Triq Balbi, Marsa, gewwa Pjazza Balbi, Marsa u gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Marsa f'diversi hinijiet differenti ta# wara nofsinhar b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda waqt l-attivitajiet tal-marci tal-banda tal-festa titulari tat-Trinita, Marsa:

Ingurjaw jew heddew jew ghamlu offizaa fuq il-persuni ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni

ta’ dan is-servizz u cioe` u dan ai terminu tal-artikoli 92, 95 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi heddidtu lill-istess Ufficjali Pubblici bi kliem u dan ai terminu tal-artikolu 338(e) tal-Kapitolou 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Marsa ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmklu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li il-mebri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qalu kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kisru il-buon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan air terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanze xewwxu pubblikamnet persuni ohra sabiex jinholoq reat u dan ai terminu tal-artikolu 69 ( C ) tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi pubblikament xewwxu lill-persuni8 ohra sabiex jiskru il-ligi u dan ai terminu tal-artikolu 70 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**<u>Lil Raymond Scicluna u Clint Scicluna wahedhom talli:</u>**

Bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b’atti esterni u tghaw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ittantaw sabiex jikkommettu attak u/jew ghamlu resistenza bi

vjolenza jew b'hebb li ma titqies vjolenza pubblika kontra il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` membri tal-Korp tal-Pulizija filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u dan ai terminu tal-artikoli 41, 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli Clint Scicluna fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat hedded b'gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhomkontra il-persuna ta' John Muscat u dan ai terminu tal-artikolu 339 (1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli l-istess Clint Scicluna hebb kontra John Muscat sabiex jingurjah idejjqu u jghamillu hsara u dan ai terminu tal-artikolu 3369(1)(d) tal-Ligijiet ta' Malta;

**Lil John Muscat wahdu**

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi u gewwa il-Kazin tal-Banda Trinita, Marsa, hedded bi kliem lil Raymond Scicluna u Clint Scicluna ai terminu tal-artikolu 339(1)(e) tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli John Muscat kontra Raymond Scicluna u Clint Scicluna sabiex jingurja jhedded jew jghamillu hsara u dan ai terminu ta' l-artikolu 339(1)(d) tal-Ligijiet ta' Malta;

**Lil Victor Cilia bhala segretarju tas-Socjeta tal-banda Trinita tal-Marsa wahdu**

Talli kemm gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Marsa u kemm gewwa l-ghassa tal-Hamrun bil-hsieb li jtellef il-gieh jew inaqqas il-gieh ta' l-ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq billi b'kitba b'disinji jew b'xi mod iehor immalafamahom u dan ai terminu tal-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Semghet illi l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputati f'dana l-istadju tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta'l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputati iddispjacihom ghall-akkadut u skuzaw ruhhom mal-membri ta'l-ufficjali tal-pulizija li kienu qeghdin jaqdu dmirhom ghall-agir taghhom. Madankollu ghalkemm il-Qorti qieghda tapprezza l-ammissjoni ta'l-imputati f'dana l-istadju bikri tal-proceduri u ghalkemm jidher illi fil-fatt l-imputati illum  iddispjacihom ghall-inkiwet illi huma qalghu waqt il-festa tat-Trinita tal-Marsa, l-Qorti ma tistax madanakollu hlief tikkundanna lill-imputati ghall-agir taghhom. Il-festi huma tradizzjoni tas-socjeta taghna, tradizzjoni mnissla mit-twemmin taghna bhala insara. Ma huwiex accettabbli ghalhekk illi celebrazzjoni illi qieghda issir f'isem ir-religjon taghna twassal ghall-agir illi huwa kundannabbli ghal kollox mhux biss mill-Knisja li taht il-kappell taghha isiru dawn ic-celebrazzjonijiet, izda kundannabbli mis-ssocjeta in generali.  Imgieba ta' vjolenza qed twassal sabiex dawn il-festi qed isiru celebrazzjoni tal-paganizmu minflok ta' gieh f'isem Alla u l-qaddisin li ghalihom isiru dawn ic-celebrazzjonijiet. Qed issir drawwa kif jibdew joqorbu l-festi tas-sajf illi isehhu incidenti ta' glied u vjolenza, oltre ukoll mwiet ta' nies fil-kmamar tan-nar. Il-Qorti hija tal-fehma illi anke il-Knisja ghandha tibda tiehu il-passi necessarji sabiex isir it-trazzin mehtieg ghaliex huwa ukoll ingust illi in-nies li imorru bi hgarhom flimkien mal-familji taghhom sabiex jiehdu sehem f'dawna il-festi jispiccaw qed ikunu fil-periklu.

Fl-ahharnett il-Qorti thoss fuq kollox illi ghandha tikkundanna l-agir tal-imputati fil-konfront ta'l-ufficjali tal-

pulizija li ikunu qeghdin jaqdu dmirijiethom u li jispiccaw mhedda u insulentati ghaliex ikunu qeghdin jaghmlu xogholhom. Mhux bizzejjed illi wiehed jiskuza ruhu wara li isiru dawn l-incidenti. Wiehed ghandu jara illi ikun hemm ir-rispett dovut u xieraq lejn kull persuna iktar u iktar meta dik il-persuna tkun qieghda taqdi d-doveri taghha lejn is-socjeta ghaliex altrimenti jirrenja il-kaos.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta'l-imputati u wara li rat l-artikoli 18, 41, 69©, 92, 95, 96, 252, 338(e), 338(ee), 338(dd), 339(1)(b)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati Victor Cilia, Raymond Scicluna, Clint Scicluna, Joseph Zammit, Alexander Debono u John Muscat hatja ta'l-akkuzi kif dedotti u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imsemmija imputati bil-kundizzjoni illi huma ma jikkomettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hatja bil-konsengwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni u ghalhekk twissihom biex bl-ebda mod ma jersqu lejn il-festa tal-Marsa ghal dawn is-snin li gejjien.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------